

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarij](#) > [Insolvenza/falliment](#) > Lithuania

# Insolvenza/falliment

 Litwanja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 Kontra min jistgħu jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza?

Il-proċedimenti ta' insolvenza jistgħu jittressqu kontra persuni ġuridiċi u fiżiċi.

Il-persuni ġuridiċi huma soġġetti għal proċedimenti ta' falliment, proċedimenti ta' falliment barra l-qorti u proċedimenti ta' ristrutturar.

Il-proċedimenti ta' falliment jew il-proċedimenti ta' falliment barra l-qorti jistgħu jittressqu kontra entitajiet ġuridiċi ta' kwalunkwe tip, ħliet korpi baġitarji, partiti politiċi, trade unions u komunitajiet u assoċjazzjonijiet reliġjużi.

Mal-bidu ta' proċedimenti ta' falliment jew proċedimenti ta' falliment barra l-qorti, l-assi tal-entità ġuridika jinbiegħu u r-rikavati jintużaw biex jiġu ssodisfati l-interessi tal-kredituri, filwaqt li l-entità ġuridika nnifisha tiġi stralċjata abbażi ta' falliment.

Jistgħu jinbdew proċedimenti ta' ristrutturar kontra entitajiet ġuridiċi ta' kwalunkwe tip ġuridiku, ħliet korpi baġitarji, partiti politiċi, trade unions, komunitajiet u assoċjazzjonijiet reliġjużi, istituzzjonijiet ta' kreditu, korpi tal-ħlas, istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, kumpaniji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, kumpaniji maniġerjali, kumpaniji ta' investiment u sensara li jinnegożjaw f'titoli pubbliċi. Il-proċedimenti ta' ristrutturar huma mfassla biex jippermettu lill-entitajiet ġuridiċi li jiltaqgħu ma' sfidi finanzjarji jirkupraw is-solvenza, iżommu u jiżviluppaw l-operazzjonijiet tagħhom, iħallsu d-djun tagħhom u jevitaw falliment, filwaqt li jkomplu l-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Għal dak l-għan, l-impenji tal-entità ġuridika taħt ristrutturar huma mqassma fuq perjodu ta' erba' snin abbażi ta' pjan ta' ristrutturar, li jrid jiġi approvat kemm mill-membri kif ukoll mill-kredituri tal-entità ġuridika. Il-perjodu għall-implimentazzjoni tal-pjan jista' jiġi estiż għal sena oħra. Il-proċedimenti ta' ristrutturar extraġudizzjarju mhumiex possibbli.

Il-proċedimenti ta' falliment jistgħu jittressqu minn persuna fiżika waħda kontra oħra, inklużi bdiewa u persuni li jaħdmu għal rashom. Falliment extra-ġudizzjarju fir-rigward ta' persuna fiżika mhumiex possibbli.

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Il-proċedimenti ta' falliment jistgħu jittressqu kontra persuna ġuridika meta l-qorti tkun iddeterminat l-eżistenza ta' mill-inqas waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- il-kumpanija tkun insolventi;
- il-kumpanija tkun tard fil-ħruġ tal-pagamenti relatati mar-relazzjonijiet tax-xogħol lill-impjegati tagħha;
- il-kumpanija ma tistax jew mhux ser tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha.

L-insolvenza ta' kumpanija tinftiehem bħala stat fejn kumpanija ma tkunx tista' tissodisfa l-obbligi tagħha (ma tħallasx id-djun, ma teżegwixxi l-ebda xogħol imħallas bil-quddiem, eċċ.) u l-obbligi tal-kumpanija wara d-data tal-għeluq (djun, xogħol li suppost diġà sar, eċċ.) jaqbżu nofs il-valur kontabilistiku tal-assi tagħha.

Proċedura ta' falliment barra l-qorti hija possibbli wkoll għal entità ġuridika, sakemm ma jkun hemm l-ebda proċediment fil-qorti li jkun għaddej bi pretensjonijiet ta' proprjetà mressqa kontra l-kumpanija u li ma jkun qed isir l-ebda rkupru kontra l-kumpanija abbażi tal-istrumenti ta' infurzar maħruġa mill-qorti jew minn awtoritajiet oħrajn. Fi proċedimenti ta' falliment extra-ġudizzjarju, il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qorti jiġu deċiżi mil-laqqgħa tal-kredituri tal-kumpanija.

Jistgħu jressqu proċedimenti ta' ristrutturatur kontra persuna ġuridika li:

- ma tkunx temmet l-operazzjonijiet tagħha;
- ma tkunx qed tfalli jew ma tkunx diġà falluta;
- tkun ġiet stabbilita mill-inqas tliet snin qabel ma ġiet ippreżentata l-petizzjoni għar-ristrutturatur quddiem il-qorti;
- jekk ikunu għaddew mill-inqas tliet snin minn meta:

(a) id-deċiżjoni tal-qorti li tagħlaq il-kawża ta' ristrutturatur;

(b) l-ordni tal-qorti li ttejjem ir-ristrutturatur minħabba li l-kredituri kollha rtiraw il-pretensjonijiet tagħhom jew minħabba li l-kumpanija li ġiet ristrutturata tkun issodisfat ir-rekwiżiti tal-kredituri kollha qabel l-iskadenza stabbilita fil-pjan ta' ristrutturatur.

Il-proċedimenti ta' falliment jistgħu jinbnew fir-rigward ta' persuna fiżika li hija insolventi u li taġixxi *in bona fide*. Persuna fiżika tista' tiġi ddkjarata insolventi jekk hija ma tkunx tista' twettaq l-obbligi tagħha ta' dejn li suppost diġà tħallas għal ammont li jaqbeż il-25 paga minima ta' kull xahar, kif approvat mill-Gvern Litwan.

Il-*bona fide* min-naħa ta' persuna fiżika tiġi ddeterminata abbażi tal-valutazzjoni ta' jekk tkunx ipprovdiet informazzjoni sħiħa u preċiża u jekk tkunx saret insolventi waqt li tkun qed taġixxi *in bona fide*, jiġifieri jekk l-azzjonijiet tal-persuna fiżika matul l-aħħar tliet snin issodisfawx jew le l-kriterji tal-attenzjoni u d-diliġenza dovuti u ma ppermettewx b'mod konxju l-akkumulazzjoni tad-djun pendenti.

### 3 Liema huma l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza? Kif jiġu ttrattati l-assi li huma miksuba minn, jew li jiddevolvu lid-debitur wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

L-assi kollha ta' kumpanija li tfalli jew li tkun qed tiġi ristrutturata, irrispettivament min-natura tagħhom (mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, drittijiet ta' proprjetà, eċċ.) jew il-post fejn jinsabu, jikkostitwixxu l-proprjetà tal-kumpanija. L-assi jew id-dħul miksuba mill-kumpanija fil-proċess ta' falliment jew ristrutturatur jaqgħu wkoll fi ħdan il-proprjetà tal-kumpanija u jintużaw biex jissodisfaw il-pretensjonijiet tal-kredituri. Fil-każ ta' falliment, il-klassifikazzjoni tal-pretensjonijiet tal-kredituri tiġi stabbilita mil-liġi, filwaqt li, għar-ristrutturatur, il-klassifikazzjoni tintwera fil-pjan ta' ristrutturatur. Skont il-proċedura ta' falliment, il-proprjetà kollha tal-falliment tiġi rrealizzata u l-introjtu riċevut jintuża biex ikopri l-ispejjeż tal-amministrazzjoni ta' falliment u l-pretensjonijiet tal-kredituri. Fil-każ ta' ristrutturatur, għall-kuntrarju, jiġu rrealizzati biss l-assi speċifikati fil-pjan ta' ristrutturatur.

Tapplika proċedura speċjali għad-dħul mill-operazzjonijiet kummerċjali ta' intrapriża li tkun qed tfalli: dan id-dħul jintuża biex ikopri l-ispejjeż operattivi rispettivi. Il-ħlasijiet kollha relatati mal-attivitajiet kummerċjali jiġu pproċessati permezz tal-kont speċjali tal-kumpanija magħżul għal attivitajiet kummerċjali (il-kont tan-negożju tal-kumpanija), li ma jstax jintuża għal ħlasijiet lil kredituri oħrajn.

Fil-każ ta' persuna fiżika li tfalli, l-assi kollha tagħha, irrispettivament min-natura tagħhom (mobbli/immobbli, tanġibbli/intanġibbli, drittijiet ta' proprjetà, eċċ.) jew mill-post fejn jinsabu, jiġu kkontabilizzati. Huma biss il-flus kontanti miżmuma mill-persuna fiżika li ma jaqbżux paga minima waħda fix-xahar li jiġu esklużi mill-kontijiet. L-interessi tal-kredituri jiġu ssodisfati mir-rikavati mill-bejgħ tal-assi kollha tal-persuna (bl-eċċezzjonijiet elenkati hawn taħt).

Skont il-proċedura ta' falliment għal persuni fiżiċi, persuna fiżika li tfalli għandha d-dritt li tuża ċertu ammont tal-introjtu tagħha biex tissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi tagħha. Dak l-ammont jiġi stabbilit mill-qorti mal-bidu ta' proċedimenti ta' falliment, fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-persuna fiżika u d-dipendenti tagħha; ladarba l-qorti tkun approvat il-pjan għall-irkupru tas-solvenza tal-persuna fiżika, l-ammont disponibbli għall-persuna fiżika jiġi stabbilit f'dak il-pjan.

Jingħata wkoll status speċjali lir-residenza unika tal-persuna fiżika meħtieġa għall-ħtiġijiet bażiċi tal-persuna fiżika u/jew tad-dipendenti tagħha, kif ukoll kwalunkwe assi meħtieġa għall-impjieg indipendenti u/jew għall-operazzjonijiet tal-biedja tal-persuna fiżika. Persuna fiżika li tkun qed tfalli tista' wkoll iżżomm id-dritt għall-proprjetà inkwistjoni, anki jekk tkun ipotekata, diment li tkun qabiet fuq dan mal-ipotekarju u li din iż-żamma ma tiksirx id-drittijiet ta' kredituri oħrajn.

## 4 X' setgħat għandhom id-debitur u l-prattikant tal-insolvenza, rispettivament?

Skont il-proċedimenti ta' falliment korporattiv, l-amministratur tal-falliment maħtur jieħu f'idejh il-ġestjoni tal-kumpanija, jiddisponi mill-proprjetà tiegħu, jorganizza l-bejgħ tal-proprjetà u jissalda mal-kredituri billi juża r-rikavati, u jieħu kwalunkwe passi meħtieġa biex jistralcja l-kumpanija. Il-funzjonijiet ewlenin tal-amministratur tal-falliment korporattiv huma dawn li ġejjin:

- li jirrappreżenta lill-kumpanija u jiddefendi l-interessi tagħha u dawk tal-kredituri kollha tagħha;
- li jieħu f'idejh il-ġestjoni tal-kumpanija li tkun qed tfalli u l-proprjetà ta' falliment;
- li jittermina l-kuntratti ta' kumpaniji li mhux ser jibqgħu jiġu implimentati (inklużi kuntratti ma' membri tal-korpi maniġerjali u l-persunal);
- li japplika għall-flus mill-Fond ta' Garanzija sabiex iħallas lill-kredituri/impjegati;
- fejn ikun meħtieġ, li jidhöl f'kuntratti ta' xogħol jew servizz temporanju meħtieġa għall-finijiet tal-proċedura ta' falliment;
- li jivverifika l-pretensjonijiet tal-kredituri mressqa u li jissottometti l-lista ta' dawn għall-approvazzjoni mill-qorti;
- li jissorvelja l-operazzjonijiet kummerċjali tal-kumpanija li tkun qed tfalli;
- li jikkontrolla t-tranżazzjonijiet tal-kumpanija eżerċitati matul il-perjodu ta' tliet snin qabel il-bidu tal-proċedimenti ta' falliment;
- li jikkontesta t-tranżazzjonijiet tal-kumpanija fil-qorti jekk imorru kontra l-għanijiet operattivi tal-kumpanija u setgħu kkontribwew għan-nuqqas ta' kapaċità tal-kumpanija li tħallas lill-kredituri tagħha;
- fejn ikun ġustifikat, li japplika għand il-qorti sabiex il-falliment jiġi ddikjarat bħala intenzjonat;
- li jsejjaħ laqgħat tal-kredituri;
- li jabbozza rapporti tal-attivitajiet u jissottomettihom għal-laqgħa tal-kredituri;
- li jiġbor u jibgħat id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u intermedji tal-kumpanija;
- li jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-qorti u l-laqgħa tal-kredituri;
- li jipprovi informazzjoni dwar il-proċedura ta' falliment;
- li jorganizza l-bejgħ tal-assi tal-kumpanija falluta;
- li juża l-fondi miksuba matul il-proċedura ta' falliment biex iħallas lill-kredituri;
- li jwettaq kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jistralcja u jneħħi r-reġistrazzjoni tal-kumpanija.

Fil-każ tar-ristrutturar ta' kumpanija, l-amministratur tar-ristrutturar assenjat jaġixxi bħala konsulent professjonali u persuna indipendenti fil-kontroll tal-proċeduri ta' ristrutturar. Il-funzjonijiet ewlenin tal-amministratur tar-ristrutturar huma dawn li ġejjin:

- li jikkontribwixxi għall-abbozzar u l-kunsiderazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar tal-kumpanija u li jieħu miżuri biex jiżgura li l-pjan ta' ristrutturar jiġi abbozzat, sottomess għall-approvazzjoni u implimentat fil-limiti ta' żmien stabbiliti mill-qorti;
- li jħejji konklużjoni bil-miktub dwar il-fattibilità tal-abbozz tal-pjan ta' ristrutturar;
- li jissorvelja l-attivitajiet tal-korpi maniġerjali tal-kumpanija li qed tiġi ristrutturata sa fejn dawn ikunu relatati mal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar, li jinnotifika lill-membri tal-korpi maniġerjali tal-kumpanija dwar in-nuqqasijiet li jinstabu fl-attivitajiet tagħhom u jstabilixxi data ta' skadenza għar-rettifika tagħhom, u li japplika quddiem il-qorti għat-tneħħija tal-korpi maniġerjali tal-kumpanija;
- li jsejjaħ laqgħat tal-membri tal-kumpanija, tas-sidien tar-rappreżentanti tal-korp li jeżerċita d-drittijiet u l-obbligi tas-sid ta' intrapriża Statali jew municipli u li jipparteċipa f'dawk il-laqgħat mingħajr drittijiet tal-vot;
- li jipprovi informazzjoni dwar il-proċedimenti ta' ristrutturar u li jinforma lill-qorti dwar il-progress tal-pjan ta' ristrutturar.

L-amministratur tar-ristrutturar, flimkien mal-korpi maniġerjali tal-kumpanija li qed tiġi ristrutturata, huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar approvat mill-qorti.

Fil-każ ta' falliment ta' persuna fiżika, l-amministratur tal-falliment assenjat jiddisponi mill-assi tal-persuna fiżika, jorganizza l-bejgħ tagħhom u juża r-rikavati biex jissalda mal-kredituri. Il-funzjonijiet ewlenin tal-amministratur tal-falliment tal-persuna fiżika huma dawn li ġejjin:

- li jiddisponi mill-assi tal-persuna fiżika u mill-fondi fil-kont tad-depożitu;
- li jżomm il-kontijiet tal-fondi kollha riċevuti mill-persuna fiżika u tal-użu tagħhom;
- li jorganizza l-bejgħ tal-assi tal-persuna fiżika u jissalda mal-kredituri;
- li jsejjaħ il-laqqgħat tal-kredituri u jieħu sehem fihom mingħajr dritt tal-vot;
- li jipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura ta' falliment għall-persuna fiżika u li jwassal ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru;
- li jagħti bidu għal emendi fil-pjan għall-irkupru tas-solvenza;
- li jirrappreżenta lill-persuna fiżika fil-proċedimenti għall-irkupru tal-assi f'isem il-persuna fiżika li tkun qed tfalli u jieħu azzjoni biex jirkupra d-djun mingħand id-debituri;
- li jiddefendi d-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-persuna fiżika u tal-kredituri kollha;
- li jevalwa l-espedjenza tal-impjeg indipendenti u/jew l-attivitajiet ta' biedja ta' persuna fiżika.

Persuna fiżika li tfalli trid tagħmel kull sforz biex tissodisfa l-pretensjonijiet tal-kredituri. Għal dak l-għan, il-persuna fiżika li tkun qed tfalli trid, kemm jista' jkun, ikollha impjeg jew attivitajiet oħrajn li jiġġeneraw introjtu, tkun qed tfittex impjeg b'mod attiv jew tfittex impjeg li jħallas aktar, talloka introjtu biex tissodisfa l-pretensjonijiet tal-kredituri u tabbozza u, mal-approvazzjoni tal-qorti, timplimenta l-pjan għall-irkupru tas-solvenza u tikkoopera mal-amministratur tal-falliment assenjat.

Matul il-proċedimenti ta' falliment, persuna fiżika li tkun qed tfalli għandha d-dritt li tikseb informazzjoni mingħand l-amministratur tal-falliment, tattendi għal-laqqgħat tal-kredituri u tikkontesta d-deċiżjonijiet illegali tagħhom; titlob is-sostituzzjoni tal-amministratur tal-falliment u tfittex kumpens għad-danni fil-każ li l-amministratur jonqos milli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu kif suppost.

## 5 Taħt liema kundizzjonijiet tiġi invokata t-tpaċija ?

Għall-fallimenti korporattivi, kif ukoll għal dawk ta' individwu, it-tpaċija tal-pretensjonijiet bejn il-persuna li tkun qed tfalli u dawk tal-kredituri hija pprojbita sa mid-deċiżjoni tal-qorti li tibda l-proċedimenti ta' falliment, ħlief għall-miżuri ta' tpaċija permessi mid-dispożizzjonijiet fil-liġijiet fiskali li jikkonċernaw il-miżuri ta' tpaċija fil-każ ta' ħlas żejjed tat-taxxa (differenza fit-taxxa).

Mill-jum li fih jinbdew il-proċedimenti ta' ristrutturar fir-rigward ta' kumpanija b'deċiżjoni tal-qorti sal-jum tad-deċiżjoni tal-qorti li tapprova l-pjan ta' ristrutturar, kwalunkwe tpaċija tal-pretensjonijiet tal-kumpanija kontra dawk tal-kredituri tagħha tiġi sospiża. Sussegwentement, tali miżuri ta' tpaċija huma possibbli f'konformità mal-pjan ta' ristrutturar approvat mill-qorti.

## 6 X'effett għandhom il-proċedimenti ta' falliment fuq kuntratti kurrenti li d-debitur huwa parti tagħhom?

Fil-każ ta' falliment ta' kumpanija, fi żmien 30 jum mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-qorti li tagħti bidu għal proċedimenti ta' falliment, l-amministratur tal-falliment assenjat jgħarraf lill-persuni kkonċernati li l-kuntratti attwali tal-kumpanija (ħlief għal kuntratti ta' impjeg u kuntratti li jagħtu lok għal dritt ta' pretensjoni min-naħa tal-kumpanija li qed tfalli) mhux ser jiġu implimentati u jenħtieġ li jitqiesu bħala li skadew.

Bid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-qorti li tat bidu għal proċedimenti ta' falliment, il-korpi maniġerjali tal-kumpanija jgħidli s-setgħat tagħhom u l-amministratur tal-kumpanija, b'avviż bil-miktub minn qabel ta' 15-il jum, jgħidli l-kuntratti tal-impjeg jew il-kuntratti ċivili mal-membri tal-bord tal-kumpanija u mal-eżekuttiv.

L-amministratur tal-falliment jinnotifika lil impjegati oħrajn bit-terminazzjoni imminenti tal-kuntratti tal-impjeg tagħhom fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-qorti li tkun tat bidu għal proċedimenti ta' falliment kontra l-kumpanija u jgħidli l-kuntratti tal-impjeg mal-impjegati fi żmien 15-il jum tax-xogħol mill-avviż imsemmi. Jiġu konklużi kuntratti tal-impjeg għal perjodu fiss mal-impjegati mkeċċija, li għadhom meħtieġa biex jitwettqu l-proċedimenti ta' falliment tal-kumpanija. In-numri meħtieġa ta' tali personal, skont il-kariga, huma definiti mil-laqqgħa tal-kredituri.

Ir-ristrutturar tal-kumpanija ma għandux effett fuq il-ftehimiet attwali tal-entità ġuridika. Il-kuntratti kollha ffirmati jiġu evalwati mill-perspettiva tal-espedjenza u l-pjan ta' ristrutturar jipprevedi t-terminazzjoni ta' kuntratti mhux vijabbli. Huma jiġu tterminati f'konformità mal-proċedura ġenerali, billi l-liġi ma tagħmel ebda dispożizzjoni speċifika għat-terminazzjoni tal-kuntratti matul il-proċedimenti ta' ristrutturar.

Għall-proċedimenti ta' falliment relatati ma' persuna fiżika, il-pjan għall-irkupru tas-solvenza jispeċifika l-kuntratti li għandhom jiġu tterminati u dawk li l-implimentazzjoni tagħhom għandha tkompli. Ladarba l-qorti tkun approvat il-pjan għall-irkupru tas-solvenza, il-persuna fiżika li tkun qed tfalli trid tgħarraf lill-persuni kkonċernati bil-kuntratti li għandhom jiġu tterminati skont il-pjan għall-irkupru tas-solvenza.

## 7 X'effetti għandhom il-proċedimenti ta' insolvenza fuq il-proċedimenti miġjuba minn kredituri individwali (bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti)?

Fil-każ ta' falliment ta' kumpanija jew persuna fiżika, il-pretensjonijiet ta' kredituri individwali jridu jiġu ttrasferiti lill-amministratur tal-falliment assenjat. Sussegwentement, il-pretensjonijiet jiġu approvati mill-qorti, filwaqt li t-tilwima dwar il-bażi fattwali għal, jew l-ammont ta', kwalunkwe pretensjoni speċifika tiġi ttrattata fil-proċedimenti ta' falliment.

Fil-każ tal-proċedimenti ta' ristrutturar ta' kumpanija, il-pretensjonijiet li jmorru qabel il-bidu tal-proċedimenti ta' ristrutturar jiġu ppreżentati lill-amministratur tar-ristrutturar assenjat sad-data tal-għeluq stabbilita mill-qorti. Sussegwentement, il-pretensjonijiet jiġu approvati mill-qorti, filwaqt li t-tilwima dwar il-bażi fattwali għal, jew l-ammont ta', kwalunkwe pretensjoni speċifika tiġi ttrattata fil-proċedimenti ta' ristrutturar. Il-pretensjonijiet ta' kredituri individwali li jqumu wara l-bidu tal-proċedimenti ta' ristrutturar jiġu sottomessi u t-tilwim rilevanti jiġi riżolt skont il-proċedura ġenerali.

Wara l-bidu ta' proċedimenti ta' falliment jew ristrutturar, l-uffiċjal ġudizzjarju jrid jissospendi l-azzjonijiet ta' infurzar u l-proċedimenti ta' infurzar u jgħaddi l-istrumenti ta' infurzar lill-qorti li tkun bdiet il-proċedimenti ta' falliment jew ristrutturar rispettivi.

## 8 X'inhu l-effett ta' proċediment ta' insolvenza fuq il-kontinwazzjoni ta' kawżi pendenti fil-mument tal-ftuħ ta' proċediment ta' insolvenza?

Fejn jidher, qabel il-ħruġ tal-ordni tal-qorti li tassenja smiġh għall-kawża fejn ikunu tressqu pretensjonijiet proprjetarji kontra l-konvenut, li l-proċedimenti ta' falliment ikunu nbdew kontra l-konvenut, il-proċedimenti li jikkonċernaw il-pretensjonijiet ta' proprjetà kontra l-konvenut jiġu sospiżi u riferuti lill-qorti li tkun qed tisma' l-kawża ta' falliment.

F'każijiet oħrajn, jiġifieri (a) meta l-ordni tal-qorti li tassenja seduta għall-kawża tkun diġà nħarġet fil-mument meta jsir magħruf il-fatt tal-proċedimenti ta' falliment mibdija kontra l-konvenut jew (b) meta jinbdew proċedimenti ta' ristrutturar fir-rigward tal-konvenut, il-fatt li l-bidu tal-proċedimenti ta' ristrutturar fir-rigward tal-konvenut ma jagħtix raġunijiet biex il-kawża tiġi riferuta lill-qorti li tkun qed tisma' l-kawża rispettiva ta' falliment jew ristrutturar.

## 9 Liema huma l-karatteristiċi ewlenin tal-parteċipazzjoni tal-kredituri fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Id-drittijiet ewlenin tal-kredituri fil-proċedimenti ta' falliment korporattiv huma dawn li ġejjin:

- li japplikaw mal-qorti li tkun qed titlob proċedimenti ta' falliment kontra l-kumpanija insolventi;
- li jiddeċiedu dwar il-bidu tal-proċedura ta' falliment barra l-qorti;
- li jirreferu l-pretensjonijiet tagħhom lill-amministratur tal-falliment tal-kumpanija assenjat sal-iskadenza stabbilita mill-qorti;
- li jattendu għal-laqqgħat tal-kredituri u jivvotaw dwar:
  - l-approvazzjoni tar-rapporti tal-attivitàjiet ippreżentati mill-amministratur;
  - l-approvazzjoni u l-modifika tal-istima tal-ispiża tal-amministrazzjoni;
  - l-approvazzjoni tal-prezz tal-bejgħ tal-assi tal-kumpanija;

- l-approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali m'hejjija matul il-proċeduri ta' falliment tal-kumpanija;
- l-attivitajiet kummerċjali tal-kumpanija (il-kontinwità, it-tiġdid, il-limitazzjoni u l-waqfien tagħhom, l-approvazzjoni tal-istima tal-ispejjeż, eċċ.);
- in-numru u l-karigi tal-persunal li għandhom jiġu impjegati matul il-proċeduri ta' falliment tal-kumpanija;
- ir-rimunerazzjoni tal-amministratur;
- arranġamenti mal-kredituri;
- mozzjoni għat-tneħħija tal-amministratur;
- kwistjonijiet oħrajn;
- li jirċievu, skont il-proċedura preskritta mil-laqgħa tal-kredituri, informazzjoni dwar il-progress tal-proċedimenti ta' falliment tal-kumpanija mill-amministratur;
- li jikkontestaw it-tranżazzjonijiet konklużi mill-kumpanija (*actio Pauliana*);
- li jappellaw quddiem il-qorti biex il-falliment jiġi ddikjarat intenzjonat;
- li jikkontestaw id-deċiżjonijiet tal-laqgħa tal-kredituri;
- li jappellaw quddiem il-qorti għat-tneħħija tal-amministratur;
- li jissodisfaw il-pretensjonijiet tagħhom mill-assi u l-introjt u riċevuti mill-kumpanija li tkun qed tfalli.

Id-drittijiet ewlenin tal-kredituri fi proċedimenti ta' falliment ta' persuna fiżika huma dawn li ġejjin:

- fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-qorti, li jressqu mal-amministratur tal-falliment il-pretensjonijiet tagħhom li ħarġu qabel il-bidu tal-proċedimenti ta' falliment tal-persuna fiżika;
- li jitolbu li jiġu ssodisfati l-pretensjonijiet tagħhom f'konformità mal-proċedura preskritta mill-pjan;
- li jattendu għal-laqgħat tal-kredituri (wara l-adozzjoni tal-pjan għall-irkupru tas-solvenza għal persuna fiżika li tkun qed tfalli, il-laqgħat tal-kredituri jridu jitlaqqgħu bi frekwenza minima ta' darba kull sitt xhur) u jivvotaw dwar:
  - l-ilmenti tal-kredituri kontra l-azzjonijiet tal-amministratur tal-falliment;
  - ir-rekwiżit li l-amministratur tal-falliment iwassal ir-rapporti ta' attività tiegħu;
  - l-approvazzjoni u l-modifika tal-istima tal-ispiża tal-amministratur tal-falliment;
  - l-approvazzjoni tal-prezz tal-bejgħ tal-assi tad-debitur;
  - l-impjeg indipendenti u/jew l-attivitajiet ta' biedja tal-persuna fiżika (il-kontinwità, il-bidu, it-tiġdid, il-limitazzjoni, it-terminazzjoni, eċċ. tagħhom);
  - proposti biex jiġi aġġornat il-pjan għall-irkupru tas-solvenza;
  - mozzjoni għas-sostituzzjoni tal-amministratur tal-falliment;
  - kwistjonijiet oħrajn;
- li jirċievu, skont il-proċedura preskritta mil-laqgħa tal-kredituri, informazzjoni dwar il-progress tal-proċedimenti ta' falliment mill-amministratur tal-falliment;
- li jipprovdu assistenza biex jiġu ssodisfati l-obbligi tad-dejn;
- li jressqu proposti rigward il-pjan għall-irkupru tas-solvenza;
- li jindirizzaw il-laqgħa tal-kredituri dwar l-attivitajiet jew is-sostituzzjoni tal-amministratur tal-falliment jew li jipproponu kandidat ieħor għall-amministratur tal-falliment;
- li jressqu appell kontra d-deċiżjonijiet tal-laqgħa tal-kredituri fi żmien 14-il jum minn dak inhar li jkunu saru jafu, jew suppost li kellhom isiru jafu, b'dawk id-deċiżjonijiet;
- li japplikaw mal-qorti għat-terminazzjoni tal-proċedimenti ta' falliment tal-persuna fiżika;
- li japplikaw mal-qorti għat-tneħħija tal-amministratur tal-falliment;
- li jissodisfaw il-pretensjonijiet tagħhom mill-assi u l-introjt u riċevuti mill-persuna fiżika li tkun qed tfalli;

Id-drittijiet ewlenin tal-kredituri fil-proċedimenti ta' ristrutturar tal-kumpaniji huma dawn li ġejjin:

- li jressqu mal-amministratur tar-ristrutturar assenjat il-pretensjonijiet tagħhom li ħarġu qabel il-bidu tal-proċedimenti ta' ristrutturar fir-rigward tad-debitur;
- li jattendu għal-laqgħat tal-kredituri u jivvotaw dwar:
  - l-approvazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar;
  - it-tneħħija tal-amministratur tar-ristrutturar u proposta ta' kandidat ieħor għall-amministratur tar-ristrutturar;
  - mozzjoni għal restrizzjoni tal-kompetenza tal-korpi maniġerjali tal-kumpanija;
  - mozzjoni għat-terminazzjoni tal-proċedimenti ta' ristrutturar tal-kumpanija fil-każ ta' nuqqas ta' implimentazzjoni jew implimentazzjoni inadegwata tal-pjan ta' ristrutturar;
  - it-talba għall-estensjoni tal-perjodu għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar;

- kwistjonijiet oħrajn;
- li jirċievu informazzjoni dwar ir-ristrutturar tal-kumpanija, ħliet għal informazzjoni li tikkostitwixxi sigriet kummerċjali/industrijali, mill-korpi maniġerjali tal-kumpanija u mill-amministratur tar-ristrutturar;
- li jipprovdu assistenza biex jiġu ssodisfati l-obbligi tad-dejn;
- li jissottomettu proposti dwar il-pjan ta' ristrutturar lill-amministratur tar-ristrutturar jew lill-korpi maniġerjali tal-kumpanija;
- li jindirizzaw il-laqgħa tal-kredituri dwar l-attivitajiet tal-amministratur tar-ristrutturar jew is-sostituzzjoni tagħhom;
- li jressqu appell kontra d-deċiżjonijiet tal-laqgħa/kumitat tal-kredituri fi żmien 14-il jum minn dak inhar li jkun saru jafu, jew suppost li kellhom isiru jafu, b'dawk id-deċiżjonijiet;
- li jissodisfaw il-pretensjonijiet matul il-perjodu tar-ristrutturar.

## 10 B'liema mod jista' l-prattikant tal-insolvenza juża jew jiddisponi minn assi tal-patrimonju?

Fil-każ ta' kumpanija li tkun qed tfalli, ladarba d-deċiżjoni tal-qorti li tibda proċedimenti ta' falliment kontra l-kumpanija tidħol fis-seħħ, il-korpi maniġerjali tagħha jgħid li l-awtorità tagħhom, filwaqt li l-amministratur tal-falliment assenjat jimmaniġġja u juża l-assi tal-kumpanija li tkun qed tfalli u jiddisponi mill-fondi tal-kumpanija fil-kontijiet bankarji. L-amministratur jorganizza l-bejgħ tal-assi tal-kumpanija falluta u jbiegħhom jew jittrasferihom lill-kredituri. Japplikaw proċeduri differenti għall-bejgħ ta' tipi differenti ta' assi. Pereżempju, il-proprjetà immobbli jew il-proprjetà ipotekata, kif ukoll l-assi b'valur ta' aktar minn 250 benefiċċju soċjali bażiku jinbiegħu f'irkant pubbliku, filwaqt li l-oġġetti li jiġhassru malajr jinbiegħu bi prezz stabbilit mill-amministratur abbażi tal-prezzijiet tas-suq. Il-proċedura u l-prezz tal-bejgħ ta' assi oħrajn huma stabbiliti mil-laqgħa tal-kredituri tal-kumpanija f'falliment. Barra minn hekk, hemm rekwiżiti regolatorji addizzjonali dwar il-bejgħ ta' assi ta' ċerti tipi (bħal titoli u materjali radjuattivi).

Meta kumpanija tkun qed tiġi ristrutturata, il-korpi maniġerjali tal-kumpanija jkomplu jissorveljaw l-attivitajiet tagħha u jiddisponu mill-assi tagħha, madankollu jridu jaderixxu mal-pjan ta' ristrutturar approvat. Matul ir-ristrutturar, l-attivitajiet tal-korpi maniġerjali tal-kumpanija jiġu ssorveljati mill-amministratur tar-ristrutturar maħtur mill-qorti. Fil-perjodu mill-bidu tal-proċedimenti ta' ristrutturar sal-approvazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar (jiġifieri matul il-perjodu ta' tnejn tal-pjan ta' ristrutturar), huwa pprobit, mingħajr il-permess tal-qorti, li tinbiegħ, tiġi ttrasferita s-sjeda ta' jew tiġi magħmula disponibbli, għal użu mingħajr ħliet, il-kumpanija jew parti minnha, l-assi fit-tul tagħha, il-proprjetà immobbli kklassifikata bħala assi għal żmien qasir jew drittijiet ta' proprjetà, filwaqt li l-kumpanija li tkun qed tiġi ristrutturata mhijiex permessa tipprovdi garanziji jew malleveriji jew b'xi mod ieħor tigarantixxi t-tweqqif tal-obbligi ta' partijiet oħrajn.

Persuna fiżika li tfalli ma titħallix tiddisponi mill-assi li jkollha fil-pussess tagħha. Id-disponiment tal-assi ta' persuna fiżika li tfalli jsir mill-amministratur tal-falliment abbażi tal-pjan approvat mill-qorti għall-irkupru tas-solvenza tal-persuna fiżika. Persuna fiżika li tfalli tista' tuża biss l-ammont ta' kull xahar allokati għall-ħtiġijiet bażiċi tagħha, kif ukoll il-fondi meħtieġa biex tkompli bl-attivitajiet tagħha. L-ammont meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi fil-perjodu mill-bidu tal-proċedimenti ta' falliment sal-approvazzjoni tal-pjan għall-irkupru tas-solvenza jiġi stabbilit mill-qorti; ladarba l-pjan għall-irkupru tas-solvenza jkun għe approvat, dak l-ammont jiġi identifikat fil-pjan.

Matul il-proċedimenti ta' falliment għal persuna fiżika, il-bejgħ tal-assi meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-pretensjonijiet tal-kredituri jiġi organizzat mill-amministratur tal-falliment f'konformità mas-sekwenza u l-limiti ta' żmien definiti fil-pjan għall-irkupru tas-solvenza. Fid-dawl tal-prezz tal-bejgħ tal-assi speċifikat fil-pjan għall-irkupru tas-solvenza u l-prezz tas-suq tal-assi li jkun qad jinbiegħu, il-prezz tal-bejgħ inizjali tal-assi jiġi approvat mil-laqgħa tal-kredituri. L-assi jistgħu jinbiegħu bi prezz aktar baxx minn dak speċifikat fil-pjan għall-irkupru tas-solvenza biss bil-kunsens tal-persuna fiżika f'falliment.

Il-proprjetà immobbli u l-proprjetà ipotekata jinbiegħu f'irkant pubbliku (ħliet il-proprjetà li inizjalment tkun għet ipprezzata aktar baxxa mill-kumpens għall-organizzazzjoni tal-irkant pubbliku). Il-prezz tal-assi li ma setgħux jinbiegħu f'żewġ irkanti pubbliċi, kif ukoll il-prezz u l-proċedura tal-bejgħ għal assi oħrajn jiġu stabbiliti mil-laqgħa tal-kredituri. L-assi mhux mibjugħa jistgħu jiġu ttrasferiti lill-kredituri fuq talba tagħhom u bil-kunsens tal-laqgħa tal-kredituri.

Meta tfal minuri (tfal adottati) u/jew persuni taħt tutela/kustodja jkun jgħixu ma' persuna fiżika, l-unika

residenza tagħhom (kemm jekk ipotekata kif ukoll jekk le) tista' tinbiegħ abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti mhux aktar kmieni minn 6 xhur wara l-approvazzjoni tal-pjan. Matul dak il-perjodu, il-persuna fiżika trid issib dar ġdida biex tixtri jew tikri. Persuna fiżika hija intitolata li taqbel mal-ipotekarju li t-titolu għall-proprjetà ipotekata (ġeneralment ir-residenza) jinżamm matul il-proċeduri ta' falliment. Proprjetà bħal din ma tistax tinbiegħ.

Jistgħu japplikaw rekwiżiti regolatorji addizzjonali għall-proċedura għall-bejgħ ta' ċerti tipi ta' assi (bħal titoli u materjali radjuattivi).

## 11 Liema talbiet għandhom jiġu ppreżentati kontra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u kif għandhom jiġu ttrattati t-talbiet li jsiru wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

Malli jinbdeu il-proċedimenti ta' falliment kontra kumpanija, l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha ġeneralment jiġu tterminati u, għalhekk, ma tista' tinħoloq l-ebda pretensjoni ġdida minnhom fir-rigward tal-kumpanija. Meta kumpanija tkompli bl-operazzjonijiet tagħha mal-bidu tal-falliment (dan huwa possibbli meta l-operazzjonijiet inaqqsu t-telf), il-pretensjonijiet li jirriżultaw minn dawk l-attivitajiet ikunu koperti mid-dħul iġġenerat minn dawk l-operazzjonijiet. Kwalunkwe pretensjonijiet li ma jistgħux ikunu koperti minn dak id-dħul huma pretensjonijiet tat-tielet grad li għandhom jiġu ssodisfati skont il-proċedura ġenerali (ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 13).

Il-pretensjonijiet li jidhru wara l-bidu tar-ristrutturar ta' kumpanija jiġu ssodisfati skont il-proċedura ġenerali, billi l-leġiżlazzjoni ma fiha l-ebda dispożizzjoni speċjali f'dak ir-rigward.

Wara l-bidu ta' proċedimenti ta' falliment għal persuna fiżika, il-qorti taċċetta u tapprova l-pretensjonijiet tal-kredituri diretti lejn impjeg indipendenti u/jew attivitajiet ta' biedja, kif ukoll l-obbligi ta' dejn meħuda mill-persuna fiżika f'falliment biex twettaq dawk l-attivitajiet u/jew biex twettaq proċeduri ta' falliment. Ladarba dawk il-pretensjonijiet ikunu ġew approvati, il-pjan ta' rkupru tas-solvenza għall-persuna fiżika f'falliment jiġi aġġornat. Pretensjonijiet oħrajn imressqa wara l-bidu tal-proċedimenti ta' falliment kontra persuna fiżika jiġu ssodisfati skont il-proċedura ġenerali, billi l-leġiżlazzjoni ma fiha l-ebda dispożizzjoni speċjali f'dak ir-rigward.

## 12 Liema huma r-regoli li jirregolaw il-preżentata, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet?

Fil-każ ta' falliment ta' kumpaniji u persuni fiżiċi u fil-każ ta' ristrutturar ta' kumpanija, il-qorti li tibda falliment jew ristrutturar tistabbilixxi limitu ta' żmien li matulu l-kredituri jitħallew iressqu l-pretensjonijiet tagħhom mal-amministratur tal-falliment jew tar-ristrutturar assenjat u jissottomettu evidenza rilevanti biex jissostanzjaw dawk il-pretensjonijiet. Fil-każ ta' falliment jew ristrutturar korporattiv jiġi stabbilit perjodu massimu ta' 45 jum u fil-każ ta' falliment ta' persuna fiżika jiġi stabbilit perjodu ta' mill-inqas 15-il jum iżda mhux aktar minn 30 jum. L-amministratur assenjat jivverifika l-pretensjonijiet ippreżentati u, fin-nuqqas ta' xi tilwima rigward l-eżistenza jew l-ammont tagħhom, jippreżentahom lill-qorti għall-approvazzjoni. Kontestazzjoni għall-pretensjonijiet jew għal parti minnhom mill-amministratur tiġi riżolta mill-qorti. Id-deċiżjoni tal-qorti li tapprova l-pretensjoni ta' kreditur hija soġġetta għal appell. Jekk il-pretensjonijiet jiġu sottomessi wara l-iskadenza għas-sottomissjoni tagħhom stabbilita mill-qorti, l-iskadenza tista' tiġi estiża jekk ir-raġunijiet għala din tinqabeż jiġu rikonoxxuti bħala validi.

## 13 Liema huma r-regoli li jirregolaw it-tqassim tal-assi wara tmiem il-proċedimenti? Kif jiġu kklassifikati t-talbiet u d-drittijiet tal-kredituri?

Il-pretensjonijiet tal-kredituri ggarantiti permezz ta' rahan jew ipoteka jitħallsu inizjalment minn fondi iġġenerati mill-bejgħ tal-proprjetà ipotekata tad-debitur jew permezz tat-trasferiment tal-proprjetà ipotekata lill-kreditur. Meta l-valur ta' proprjetà ipotekata ma jkunx biżżejjed biex ikopri l-pretensjoni ta' ipotekarju, il-parti mhux issodisfata li jifdal tal-pretensjoni tkun pretensjoni tat-tielet grad għal fallimenti korporattivi u pretensjoni tat-tieni grad għal ristrutturar jew falliment ta' persuna fiżika. Fil-każ ta' falliment ta' persuna fiżika, jista' jintlaħaq ftehim biex ma tinbiegħx il-proprjetà taħt ipoteka. F'dak il-każ, il-pjan ta' rkupru tas-solvenza jipprevedi pagamenti ta' kull xahar lill-ipotekarju.

Meta l-bejgħ ta' assi ipotekati jiġġenera aktar fondi milli huwa meħtieġ biex isir is-saldu tagħhom mal-ipotekarju, il-porzjon li jifdal tal-fondi jiġi allokat biex jitħallsu l-pretensjonijiet tal-kredituri l-oħrajn.

Il-pretensjonijiet tal-kredituri l-oħrajn jiġu ssodisfati abbażi tal-klassifikazzjoni u l-istadji tal-pretensjoni.

Fil-fallimenti tal-kumpaniji, il-pretensjonijiet tal-kredituri jiġu ssodisfati f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, il-pretensjonijiet tal-kredituri jitħallsu mingħajr l-imgħax u l-penali tal-inadempjenza; l-imgħax u l-penali jitħallsu fit-tieni stadju. F'kull stadju, il-pretensjonijiet tal-kreditur ta' kull grad aktar baxx jiġu ssodisfati wara li l-pretensjonijiet tal-kreditur tal-grad superjuri fl-istadju rispettiv ikunu ġew issodisfati kompletament. Jekk l-assi ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw b'mod sħiħ il-pretensjonijiet ta' grad wieħed fi stadju wieħed, il-pretensjonijiet imsemmija għandhom jiġu ssodisfati fi proporzjon mal-ammont dovut lil kull kreditur.

Il-pretensjonijiet tal-ewwel grad huma pretensjonijiet tal-impjegati li jirriżultaw mir-relazzjoni tal-impjieg; il-pretensjonijiet għal kumpens tad-dannu minħabba mutilazzjoni jew korrimment ieħor tal-ġisem, il-kontrazzjoni ta' marda okkupazzjonali jew mewt bħala riżultat ta' aċċident fuq il-post tax-xogħol (dawn il-pretensjonijiet jistgħu jkunu koperti mill-Fond ta' Garanzija); u l-pretensjonijiet ta' negozji agrikoli li jitolbu ħlas għall-prodotti agrikoli mibjugħa (sa 40 fil-mija ta' dawn il-pretensjonijiet jistgħu jitħallsu mill-fondi baġitarji tal-Istat allokatu mill-Ministeru tal-Agrikoltura għal dak l-iskop).

Il-pretensjonijiet tat-tieni grad huma pretensjonijiet fir-rigward tat-taxxi u ta' kontribuzzjonijiet oħrajn għall-baġits tal-Istat u tal-assigurazzjoni soċjali u kontribuzzjonijiet obligatorji tal-assigurazzjoni tas-saħħa; fir-rigward tal-flus mislufa f'isem l-Istat u s-self iggarantit permezz ta' garanzija pprovduta mill-Istat jew minn istituzzjoni ta' garanzija li daħal garanti għaliha l-Istat; u fir-rigward tal-appoġġ mogħti minn fondi tal-Unjoni Ewropea u fondi tal-baġit tal-Istat.

Il-pretensjonijiet l-oħrajn kollha mill-kredituri huma pretensjonijiet tat-tielet grad.

Fir-ristrutturar tal-kumpaniji, il-pretensjonijiet tal-kredituri jiġu ssodisfati f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, il-pretensjonijiet tal-kredituri jitħallsu mingħajr l-imgħax u l-penali tal-inadempjenza; l-imgħax u l-penali jitħallsu fit-tieni stadju.

Il-pretensjonijiet tal-ewwel grad huma pretensjonijiet tal-impjegati li jirriżultaw mir-relazzjoni tal-impjieg; il-pretensjonijiet għal kumpens tad-dannu minħabba mutilazzjoni jew korrimment ieħor tal-ġisem, il-kontrazzjoni ta' marda okkupazzjonali jew mewt bħala riżultat ta' aċċident fuq il-post tax-xogħol; il-pretensjonijiet minn persuni fiżiċi u ġuridiċi li jitolbu ħlas għall-prodotti agrikoli kkonsenjati għall-ipproċessar; u l-pretensjonijiet tal-kredituri ggarantiti permezz ta' rahan u/jew ipoteka li ma jaqbżux il-valur tal-assi li ġew mirhuna u li ma jkunux għall-bejgħ matul ir-ristrutturar.

Il-pretensjonijiet tat-tieni grad huma l-pretensjonijiet li jifdal mill-kredituri, għajr il-pretensjonijiet tat-tielet grad u l-pretensjonijiet iggarantiti, fejn l-assi mirhuna ma jiġux offruti għall-bejgħ matul ir-ristrutturar.

Il-pretensjonijiet fir-rigward tas-self mogħti matul ir-ristrutturar u mhux iggarantiti jiġu ssodisfati wara s-saldu ta' dawk tal-ewwel grad u qabel is-saldu ta' dawk tat-tieni dritt.

Il-pretensjonijiet tat-tielet grad huma pretensjonijiet mhux relatati mal-impjegi mill-membri tal-intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar li saru kredituri tal-intrapriża qabel il-bidu tal-proċedimenti ta' ristrutturar u li, wehđidhom jew flimkien ma' membri oħrajn, huma fil-kontroll tal-intrapriża li tkun għaddejja minn ristrutturar.

F'kull stadju, il-pretensjonijiet tal-kredituri ta' kull grad aktar baxx jiġu ssodisfati wara li l-pretensjonijiet tal-kredituri tal-grad superjuri fl-istadju rispettiv ikunu ġew issodisfati kompletament. Jekk l-assi ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw b'mod sħiħ il-pretensjonijiet ta' grad wieħed fi stadju wieħed, il-pretensjonijiet imsemmija għandhom jiġu ssodisfati fi proporzjon mal-ammont dovut lil kull kreditur.

Fil-każ tal-fallimenti ta' persuni fiżiċi, il-pretensjonijiet tal-kredituri jiġu ssodisfati f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, il-pretensjonijiet tal-kredituri jitħallsu mingħajr l-imgħax u l-penali tal-inadempjenza; l-imgħax u l-penali jitħallsu fit-tieni stadju.

Il-pretensjonijiet tal-ewwel grad huma pretensjonijiet tal-impjegati li jirriżultaw mir-relazzjoni tal-impjieg; il-pretensjonijiet għal kumpens tad-dannu minħabba mutilazzjoni jew korrimment ieħor tal-ġisem, il-kontrazzjoni ta' marda okkupazzjonali jew mewt bħala riżultat ta' aċċident fuq il-post tax-xogħol (dawn il-pretensjonijiet jistgħu jkunu koperti mill-Fond ta' Garanzija); il-pretensjonijiet għall-flus għall-manteniment tat-tfal; u l-pretensjonijiet tan-negozji agrikoli li jitolbu ħlas għall-prodotti agrikoli mibjugħa (dawn il-pretensjonijiet jistgħu jitħallsu mill-

fondi speċjali allokatu mill-Ministeru tal-Agricoltura tal-Litwanja għal dak l-iskop).

Bejn l-ewwel grad u t-tieni grad jaqgħu l-pretensjonijiet tal-kredituri li jirriżultaw mill-impjeg indipendenti u/jew mill-attivitàjiet ta' biedja matul il-proċedimenti ta' falliment relatati ma' persuna fiżika u l-pretensjonijiet li jirriżultaw minn obbligi ta' dejn fir-rigward tal-impjeg indipendenti jew l-ispejjeż tal-amministrazzjoni ta' falliment.

Il-pretensjonijiet l-oħrajn kollha mill-kredituri huma pretensjonijiet tat-tieni grad.

F'kull stadju, il-pretensjonijiet tal-kreditur ta' kull grad aktar baxx jiġu ssodisfati wara li l-pretensjonijiet tal-kredituri tal-grad superjuri fl-istadju rispettiv ikunu ġew issodisfati kompletament. Jekk l-assi ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw b'mod sħiħ il-pretensjonijiet tal-kredituri ta' grad wieħed fi stadju wieħed, il-pretensjonijiet imsemmija għandhom jiġu ssodisfati fi proporzjon mal-ammont dovut lil kull kreditur.

## 14 Liema huma l-kundizzjonijiet għal, u l-effetti tal-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza (b'mod partikolari b'miżura komposta)?

Matul il-proċedimenti ta' falliment korporattiv, jista' jintlaħaq arranġament mal-kredituri. Mal-iffirmar ta' arranġament bħal dan, il-proċeduri ta' falliment jintemmu u l-kumpanija tkompli bl-operazzjonijiet regolari tagħha waqt li timplimenta l-arranġament.

Fil-falliment tal-kumpanija, l-arranġamenti mal-kredituri huma possibbli fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti ta' falliment qabel id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-qorti li tillikwida l-kumpanija minħabba falliment. Tali arranġamenti jistgħu jiġu proposti mill-kredituri, mill-amministratur u mis-sidien tal-kumpanija. L-amministratur tal-falliment irid jissuġġerixxi arranġament mal-kredituri qabel il-bidu tal-irkupru mill-assi tas-sid ta' intrapriża b'responsabbiltà mhux limitata (meta tali intrapriża ma jkollhiex assi jew l-assi tagħha ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż legali u amministrattivi u biex jissodisfaw il-pretensjonijiet tal-kredituri). Jenħtieġ li l-arranġament jelenka l-konċessjonijiet mogħtija mill-kredituri lill-kumpanija, il-pretensjonijiet tagħhom, l-impenji tal-kumpanija, il-metodi u l-limiti ta' żmien biex jiġu ssodisfati l-pretensjonijiet tal-kredituri u r-responsabbiltà għan-nuqqas ta' konformità mas-saldu.

Arranġament mal-kredituri jitqies bħala konkluż jekk ikun ġie ffirmat mill-kredituri li l-pretensjonijiet pendenti tagħhom jammontaw għal mill-inqas żewġ terzi tal-valur tal-pretensjonijiet pendenti kollha li jifdal qabel id-data tal-arranġament. L-arranġament jiġi approvat mill-qorti jew, skont il-proċedura ta' falliment barra mill-qorti, min-nutar.

Fil-każ tar-ristrutturar ta' kumpanija u l-falliment ta' persuna fiżika, l-arranġamenti mal-kredituri mhumiex possibbli, minkejja li l-proċedura ta' ristrutturar tista' tiġi tterminata u l-proċedimenti ta' falliment relatati ma' persuna fiżika jistgħu jiġu tterminati meta l-kredituri jabbandunaw il-pretensjonijiet tagħhom jew meta d-debitur iħallas il-pretensjonijiet kollha tal-kredituri approvati mill-qorti u inklużi fil-pjan ta' ristrutturar jew fil-pjan ta' rkupru tas-solvenza għal persuna fiżika.

## 15 X'inhuma d-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Wara li l-assi tal-kumpanija jkunu nbiegħu fil-każ ta' falliment ta' kumpanija, il-kumpanija tiġi likwidata u titneħħa mir-Reġistru tal-Entitajiet Legali. Kwalunkwe pretensjoni pendenti li jifdal tal-kredituri ma tiġix saldata. Jekk ikun hemm xi assi tal-kumpanija wara l-likwidazzjoni, il-valur tagħhom jintuża biex jissodisfa kwalunkwe pretensjoni pendenti li jifdal tal-kredituri.

Fil-każ tar-ristrutturar, il-kumpanija tkompli bl-operazzjonijiet normali tagħha u l-kredituri jgawdu l-istess drittijiet bħal dawk ta' kumpanija li tiffunzjona b'mod normali.

Wara t-tlestija tal-proċedura ta' falliment għal persuna fiżika, il-kredituri huma intitolati li jitolbu lill-persuna fiżika tissodisfa kwalunkwe pretensjoni pendenti li jkun fadal għal kumpens għad-dannu minħabba mutilazzjoni jew korrimment ieħor tal-ġisem, għal fondi ta' manteniment tat-tfal, għall-ħlas ta' multi lill-istat għal kwalunkwe ksur amministrattiv jew atti kriminali mill-persuna fiżika u l-kumpens għad-danni kkawżati minn atti kriminali, kif ukoll

is-sodisfazzjon ta' kwalunkwe pretensjoni pendenti li jkun fadal garantita minn rahan jew ipoteka (jekk il-proprjetà mwiegħda ma kinitx intiża għall-bejgħ matul il-proċedura ta' falliment). Kwalunkwe pretensjoni ta' kredituri oħrajn stabbilita fil-pjan ta' rkupru tas-solvenza li tibqa' pendenti titħassar u l-kredituri jtilfu d-dritt tagħhom li jitolbu s-sodisfazzjon tagħha.

## 16 Min għandu jagħmel tajjeb għall-kostijiet u l-ispejjeż involuti fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Fil-każ ta' falliment korporattiv, l-ispejjeż amministrattivi huma koperti mill-fondi tal-kumpanija, inklużi kwalunkwe spejjeż imġarrba matul il-proċedura ta' falliment. Meta kumpanija ma jkollha l-ebda fondi jew ma jkollhiex biżżejjed fondi biex tkopri l-ispejjeż tal-amministrazzjoni ta' falliment, dawn jistgħu jitħallsu mill-persuna li tkun ippreżentat il-petizzjoni ta' falliment jew inkella jista' jinħatar amministratur tal-falliment li jaqbel li jassumi r-riskju li l-fondi miksuba matul il-proċedura ta' falliment jistgħu ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż legali u amministrattivi u, f'dak il-każ, l-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-falliment jitħallsu mir-riżorsi tal-amministratur.

Malli tibda proċedimenti ta' falliment kontra kumpanija, il-qorti tistabbilixxi ammont ta' flus li l-amministratur jista' juża biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi tal-kumpanija li tfalli, sakemm il-laqqgħa tal-kredituri tapprova l-istima tal-ispejjeż amministrattivi. Għal perjodi sussegwenti, l-istima tal-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-falliment tiġi approvata mil-laqqgħa tal-kredituri tal-kumpanija f'falliment. L-amministratur tal-falliment ma għandux id-dritt li jaqbeż l-istima approvata tal-ispejjeż amministrattivi, għajr fejn, għal raġunijiet mhux previsti, ikunu meħtieġa miżuri urġenti biex jitħarsu l-interessi tal-kumpanija u tal-kredituri tagħha.

Fir-ristrutturar korporattiv, l-ispejjeż amministrattivi huma koperti mill-fondi tal-kumpanija, inklużi kwalunkwe spejjeż imġarrba matul il-proċedura ta' ristrutturatur.

Meta tibda proċedimenti ta' ristrutturatur, il-qorti tapprova l-istima tal-ispejjeż amministrattivi għall-perijodu mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-qorti li tagħti bidu għall-proċedimenti ta' ristrutturatur sad-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-qorti li tapprova l-pjan ta' ristrutturatur. L-ammont tal-ispejjeż tar-ristrutturar għall-perjodu li jmiss huwa speċifikat fil-pjan ta' ristrutturatur approvat.

L-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-falliment ta' persuna fiżika huma koperti mill-fondi ta' kwalunkwe tip tal-persuna fiżika, inklużi dawk riċevuti matul il-proċedimenti ta' falliment. L-istima tal-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-falliment tiġi approvata u emendata mil-laqqgħa tal-kredituri, filwaqt li l-ammont ta' remunerazzjoni għall-amministratur tal-falliment jiġi speċifikat fil-kuntratt tal-kummissjonar bejn il-persuna fiżika u l-amministratur tal-falliment.

## 17 X'inhuma r-regoli li għandhom x'jaqsmu man-nullità, l-annullabbiltà u n-nuqqas ta' eżekutorjetà ta' atti ġuridiċi detrimental għall-korp ġenerali ta' kredituri?

Kwalunkwe tranżazzjoni mid-debitur li tikser id-drittijiet tal-kredituri tista' tiġi kkontestata mill-amministratur tal-insolvenza assenjat jew minn kreditur individwali, abbażi ta' *actio Pauliana* fi żmien perjodu ta' limitazzjoni ta' sena, li jibda jiddekorri mill-jum meta t-tranżazzjoni saret magħrufa jew kellha ssir magħrufa. Sabiex tranżazzjoni tiġi kkontestata b'suċċess abbażi ta' *actio Pauliana*, hija meħtieġa l-eżistenza tal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

1. Il-kreditur irid ikollu dritt indubitabbli u validu ta' pretensjoni, jiġifieri d-debitur irid ikun naqas milli jissodisfa l-obbligu tiegħu kompletament jew ikun issodisfah b'mod mhux xieraq;
2. it-tranżazzjoni inkwistjoni trid tikser id-drittijiet tal-kreditur. Id-drittijiet tal-kredituri jinkisru meta t-tranżazzjoni tirrendi lid-debitur insolventi jew meta debitur solventi jagħti prijorità lil kreditur ieħor, jew it-tranżazzjoni, filwaqt li ma jirrendix lid-debitur insolventi, ibiddel (inaqqas) il-kapaċità tad-debitur li jwettaq l-obbligu lejn il-kreditur, pereżempju, inaqqas il-valur tal-assi tad-debitur (tali sitwazzjoni tista' sseħħ, pereżempju, meta l-prezz riċevut għal proprjetà mibjugħa jkun ferm inqas mill-prezz tas-suq);
3. id-debitur ma kienx obligat li jidħol fit-tranżazzjoni kkontestata;
4. id-debitur ma aġixxiex *in bona fide*, minħabba li kien jaf li t-tranżazzjoni kienet ser tikser id-drittijiet tal-kredituri;

5. il-parti terza li kkonkludiet it-tranżazzjoni bilaterali mad-debitur bi skambju għal kumpens ma aġixxietx *in bona fide*.

Barra minn hekk, fil-ħin tal-falliment jew tar-ristrutturar, id-disponiment tal-proprjetà tad-debitur huwa ristrett bil-liġi (ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 10), u t-tranżazzjonijiet tad-debitur konklużi bi ksur ta' dawk ir-restrizzjonijiet jitqiesu bħala invalidi mill-mument li jkunu ġew konklużi.

---

■ L-aħħar aġġornament: 09/06/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.